**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

**6 ta' Frar 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, it-Tnejn 6 ta' Frar fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Liam Gauci – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**

Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Dr. Francesca Zarb – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Fleur De Lys

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur

John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Is-Sur Mark George Abdilla, Dr.Josianne Cardona Gatt u is-Sur John Borg kienu assenti .

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien preżenti

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenta.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**60.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

60.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

**60.2 Kunsiderazzjoni, u approvazzjoni tal-minuti**

60.2.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

60.2.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 59 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li l-Kunsillier is-Sinjura Rita Borg ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom, dawn ġew issekondati mis-Sur Anthony Buttigieg u approvati unanimament.

**60.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

60.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet korrispondenza mis-Segretarju Eżekuttiv fejn dan talab lill-Kunsill li jiftaħ vakanza interna għal xi membru ta' l-istaff li jkun irid jaqleb *full time* minn *part time*. Huwa qal illi żewġ membri ta' l-istaff se jkollhom assenzi fit-tul u għalhekk qed jagħmel din it-talba biex jiggarantixxi servizz u kontinwita'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

60.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet korrispondenza li rċevejna mingħand Ekram Elnaib li għandu l-ħanut fi Ġnien John Borg fejn dan qed jitlob kumpens ta' 4000Euro għaliex il-*ground* ma kienx lest kif suppost u fiż-żmien miftiehem. Is-Sindku stiednet lill-konsulent tal-Kunsill is-Sur Ray Pellicano biex jispjega dwar din il-problema. Huwa veru illi kien hemm problemi fil-grawnd u dewmien. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi wieħed għandu jinnegozja u jara l-aħjar *deal* għall-Kunsill, fl-istess waqt il-Kunsilliera qablu li mhux ta' min tintilef din il-kirja. Għaldaqstant is-Sindku u s-Sur Pellicano se jiltaqgħu ma' Joef u Ekram ħalli tiġi diskussa l-ittra tagħhom f'aktar dettall.

**60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

60.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**60.5 Data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali u laqgħa dwar *Bye-Law* Ħamiem**

60.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 fis-6.00 ta` fil-għaxija u nħarġu l-avviżi fil-gazzetti.

60.5.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi apparti l-*bye law* tal-ħamiem selvaġġ, se tkun diskussa *bye law* dwar il-Kjosk fil-ġnien ta' l-Istazzjon. Il-Kunsillier is- Sur Michael Fenech Adami qal li ġà hemm Bye-Law tagħha.

**60.6 Rapport ta' bordijiet ta' evalwazzjoni**

60.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala Bord ta' Evalwazzjoni ta' Tenders iltaqa' diversi drabi u għandu rakkomandazzjoni fuq tliet tenders.

60.6.2 Tender Restawr ta' Vagun tal-Ferrovija BLC005-2016. Il-Bord jirrakomanda li t-tender jingħata lil *Allied Contracting* għall-prezz ta' 45,190euro. Dan wara li l-irħas offerta tqieset bħala *abnormally low*, mhix fattibbli, u min tefa' l-irħas offerta ma weġibx għall-mistoqsijiet tal-Bord. Il-Kunsill qabel nem. con. ma' din ir-rakkomandazzjoni.

60.6.3 Tender Fabrikazzjoni ta' Ħadid għall-Proġett tal-Wied BLC007-2016. Il-Bord irrakomanda li t-tender jingħata lill-irħas offerta jiġifieri E&L Enterprises għas-somma ta' 92,262Euro. Il-Kunsill qabel nem. con.

60.6.4 Tender *Upgrading* ta' Latrini Pubbliċi ta' Triq il-Wied u Triq Santwarju BLC008-2016. Il-Bord irrakomanda li t-tender jingħata lili min tefa' l-irħas offerta, Ideal Bathrooms għall-prezz ta' 34,036Euro. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**60.7 Tenders ġodda**

60.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender ta' l-accountant wasal biex jiskadi u kien se jinħareġ tender ġdid.

**60.8 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

60.8.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* u tal-Pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**60.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.48pm u kien hemm aġġornament għat-Tnejn 13 ta' Frar fil-5.30pm.

Konfermati, illum 6 ta' Marzu 2017.

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv